# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 33

**12 ta’ Jannar 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex iltaqa’ fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta’ filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

Local Government of Ta’ Xbiex, Triq l-Imradd, Ta’ Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844  Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 33.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

33.1.1 Kulhadd kien prezenti ghal-laqgha, ghaldaqstant ma kinx hemm ittri ta' apologiji.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.2.1 Il-Minuti gew mressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

## 33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

33.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.4.1 Ma kinx hemm.

## 33.5 Council Assistant (Full Time) Interviews;

33.5.1 Wara li saru l-interviews ghal-vakanza ta' Council Assistant fuq bazi full time, is-Sindku Maz Zammit infurma lill-Kunsill li l-bord qed jiproponi lis-Sur Matthew Zammit li huwa l-persuna li gab l-akbar ammont ta' punti waqt dawn l-istess interviews.

Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti qalet li huwa importanti li jkollu 6 xhur probation period u matul dan iz-zmien, il-Kunsill ghandu jkun infurmat fuq il-hidma tieghu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.6 Clerk (Part Time) Interviews;

33.6.1 Is-Sindku qal li komplew l-interviews tal-iskrivan fuq bazi part time. Huwa infurma lill-Kunsill li l-bord qed jiproponi lis-Sur Liam Sciberras li huwa l-persuna li gab l-akbar ammont ta' punti waqt dawn l-istess interviews.

Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti qalet li huwa important li jkollu 6 xhur probation period u matul dan iz-zmien, il-Kunsill ghandu jigi infurmat fuq il-hidma tieghu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.7 Tender adjudication – TXLC/02/2021 Solar Powered Smart Bins;

33.7.1 Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Ezekuttiv tressaq id-dokument tal-Bord tal-aggudikazzjoni ghas-Supply Tender for the Provision and Installation of Solar Powered Smart Bins in the locality of Ta' Xbiex under the Small Grant Scheme (SGS) Co-Funded by the Norwegian Funding Mechanism (NFM) Programme ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku Max Zammit ressaq mozzjoni biex jigi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aggudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-ghoti tal-offerta. Huwa qal li kien hemm 5 bidders fejn dawn kollha kienu eliggibli ghal dak li tlabna u ovjament biex nimxu mal-procurement tal-kunsill gie maghzul FRL Holdings Ltd minhabba li kien l-irhas wiehed. Il-Kunsillier Ronnie Portelli issekonda.

Ivvutaw Favur hames Kunsilliera (5) prezenti. Hadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni. Il-mozzjoni giet approvata unanimament.

33.7.2 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li dan il-progett suppost kellu jitlesta fi Frar, izda minhabba l-pandemija li ghaddejjien minna, naturalment certu xoghol waqajna lura. Ghaldaqstant issuggerrixxa li nitolbu lid-Dipartiment li qed jiehu hsieb dawn il-fondi estensjoni ta' 6 xhur.

Il-kunsill qabel.

33.7.3 Is-Sindku fakkar li l-kunsill kien ibbenifika €94,500 min Norwegian Funds u peress li l-irhas bidder huwa kwazi nofs l-ammont ta' dawn il-fondi, huwa ssugerrixxa li nipruvaw nitolbuhom biex nixtru iktar smart bins u npoggu minnhom fi Triq Abate Rigord u b'hekk nkunu qed nuzaw l-fondi kollha. Il-Kunsill qabel.

## 33.8 Performance appraisal tal-haddiema tal-istaff tal-Kunsill;

33.8.1 Is-Sindku spjega li l-performance appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv huwa differenti minn tal-haddiema l-ohra minhabba li huwa jrid jimla rapport ta' madwar tlett pagni umbad jiprezentah waqt il-laqgha tal-kunsill. Izda dan ir-rapport ma lehaqx jimlieh ghaldaqstant se jiproponi gurnata ohra ghal-laqgha tal-kunsill biex ikun jista jiprezentah u jigi aprovat waqt il-laqgha u flimkien mal-Kunsillera jiddiskutu l-percentagg tal-bonus li ghandu jinghata lis-Segretarju Ezekutttiv u wara jigi iprezentat mid-Dipartiment.

Il-Kunsilliera Eugenio Muscat qal li m'ghandhomx x'jiddiskutu ghax is-Segretarju Ezekuttiv flimkien ma Anna Micallef hadmu hafna din is-sena peress li kelna nuqqas ta' staff. Ghaldaqstant minn naha tieghu s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tinghata 10% performance bonus. Il-Kunsilliera Ronnie Portelli, Louise Cachia Castelletti u l-Vici Sindku Oriana Calleja qablu ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li qabel ma nharget l-Agenda, hija qalet lis-Sindku biex tnizzel l-performance appraisal taghha ukoll u s-Sindku qalla li ghandu bzonn iktar zmien. Hija qalet li taprezza hafna il-kummenti tal-Vici Sindku u tal-Kunsilliera izda sfortunatament irridu nimxu mal-procedura li hemm miktub fil-ligi u la Sindku ma gabx ir-rapport mimli u iddiskutieh maghha qabel dan ma jistax jigi aprovat.

33.8.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-istaff l-iehor igifieri Anna Micallef (Assistant Principal), Michael Mifsud (Contract's Manager) u Aris John Fenech (clerk) li ta' r-rizenja tieghu ftit xhur ilu, jistghu jiddeciedu ghax m'hemmx ghalfejn jikteb rapport dwarhom.

Is-Sindku qal li jemmen lis-Sur Aris John Fenech bhala ringrazjament tal-hidma tieghu lejn il-kunsill ghandhom ituh 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li tkellem mas-Sinjura Anna Micallef u jahseb li ghamlet hafna iktar xoghol milli jmissa, ghaldaqstant jemmen li l-Kunsill ghandha jtieha 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal lis-Sur Michael Mifsud normalment ikollha kuntatt mieghu s-Segretarju Ezekuttiv l-iktar u saqsieha biex taddi l-kumenti taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li meta kella bzonn xi ghajnuna, dejjem kien lest biex jghina u jaghmel dak li jigi mitlub. Il-Kunsill qabel unanimament li ntuh 6%.

## 33.9 Performance appraisal tal-haddiema ta' CWSEF;

33.9.1 Is-Sindku qal li min din l-iskema ghandna lis-Sur :

- Jeffrey Bezzina, is-Sindku jahseb li jahdem hafna u ghaldaqstant jiproponi biex naghtuh il-full performance bonus. Il-Kunsill qabel unanimament.

- Christopher Cauchi, is-Sindku jemmen li qed itejjeb il-hidma tax-xoghol tieghu anke l-kollegi tieghu stess fahruh, ghaldaqstant jemmen li ghandna ntuh il-full performance bonus ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

- Christian Callus, is-Sindku qal li qatt ma kellu problemi mieghu imma ovjament gabu konxju li nistennew iktar rispett min ghandu. Is-Sindku issugerrixxa li dan jinghata l-full performance bonus ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

- Jurgen Schembri, is-Sindku qal li dan ghandu jiehu il-full performance bonus ghax dejjem ghamel dak li gie mitlub. Il-Kunsill qabel unanimament.

- Jonathan Azzopardi, is-Sindku qal li ghalkemm ghandu certu limitazjonijiet qed jiprova hafna biex jghina kif jista. Ghaldaqstant qed jiproponi biex jinghata l-full performance bonus ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.10 Performance appraisal tal-haddiema ta' RSSL;

33.10.1 Is-Sindku qal li minn din l-iskema ghandna lis-Sur Robert Galea. Huwa qal li nahseb kulhadd jaf li s-Sur Galea huwa habriki hafna u qal li meta kelmu qal li kellu kliem ta' tifhir u genwien rigward il-hidma generali tal-Kunsill. Ghaldaqstant huwa jirrikomanda li s-Sur Galea jiehu l-full performance bonus.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.11 SPI.SCI.9.2021 Skema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022;

33.11.1

Is-Sindku qal li huwa qal li fil-Milied li ghadda, is-Sindku ta' Racco Stefano ghamlu Presepju kbir fil-lokalita' taghhom. Minn dawn ir-ritratti huwa hareg bl-idea li naplikaw ghal din l-iskema biex ngibuhom hawn Malta u flimkien narmaw dan il-presepju f'Ta' Xbiex. Huwa qal li hekk jaqblu u naplikaw ghal din l-iskema u tigi approvata se nkunu qed naghmlu xi haga differenti minn snin ohra u b'hekk nzommu l-gemellag ma Racco Santo Stefano haj.

Is-Sindku qal li huwa diga tkellem mal-Kunsilliera Ronnie Portelli u Eugenio Muscat u wara d-dikussjoni qablu li l-ahjar li jisr wara Blk B5 fejn ghamilna l-progett il-gdid.

Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronnie Portelli qablu imma qallu li importanti li ssir evalwazzjoni ta' kemm se tigi l-ispiza u kemm il-kunsill se johrog mill-kont tieghu.

Is-Sindku qal li din l-ispiza se tkopriehom l-iskema izda hekk se jkun hemm xi spejjez li jrid johrog il-kunsill huwa jissuggerrixxi li nergu niltaqaw u niddiskutu hekk naghmluwiex jew le.

Il-Kunsill qabel unanimament li naplikaw.

## 33.12 Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

33.12.1 Ma kinx hemm.

## 33.13 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

33.13.1 Ma kinx hemm

## 33.14 Rapporti mill-Kunsilliera;

33.14.1 Ma kinx hemm

## 33.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

33.15.1 Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 26 ta' Jannar fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fis-sebgha ta' filg]axija.

Konfermati llum l-Erbgha 12 ta' Jannar, 2021.

| | |
|---|---|
| _IFFIRMATA____ | _IFFIRMATA______ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju E\ekuttiv |